MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 863/2007

**Mary Mifsud (551448M) bhala mandatarja specjali ta' Gaetano Mifsud li huwa assenti minn dawn il-gzejjer.**

**vs**

**Is-Superintendent tal-Patrimonju Kulturali; Il-Ministru tat-Turizmu u l-Kultura; L-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Mary Mifsud nomine datat 13 ta' Awwissu 2007 a fol 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi in linea preliminari jrid jinghad li l-attrici qed tagixxi ghan-nom ta' Geatano Mifsud ta' 2, Noonagh Place, Canada Bay, Australia u dan *ai termini* ta' prokura annessa u mmarkata Dok "A".

Illi b'ittra tat-22 ta' Settembru 1992 Gaetano Mifsud kien talab il-permess tal-allura Dipartiment tal-Muzewijiet illi jesporta lejn l-Awstralja s-segwenti bcejjec antiki relatati max-xoghol tal-funerali: sitt "gold hearses", zewg "*white baby hearses*" u tliet *"coaches",* liema bcejjec kienu nbnew bejn l-1947 u l-1952 u kienu u ghadhom proprjeta' ta' Gaetano Mifsud (Dok "B").

Illi difatti l-istess Gaetano Mifsud kellu ftehim ma' l-allura Dipartiment tal-Muzewijiet illi minflok il-hlas ta' dazju relattiv ghall-esportazzjoni tal-bcejjec antiki tal-funerali suiccitati, Gaetano Mifsud kellu jaghti lill-Gvern, bil-kunsens tal-istess Dipartiment, bhala *datio in solutum*, tliet *"hearses"* antiki ta' valur ekwivalenti ghad-dazju dovut, tant illi dawna t-tliet bcejjec gew moghtija lill-allura dipartiment f'Settmebru tal-1985 (Dok. "C").

Illi t-talba ta' Gaetano Mifsud kienet giet approvata nhar it-23 ta' Settembru 1992 skont kif jidher fin-nota jew minuta miktuba fuq l-istess ittra tat-22 ta' Settembru 1992 suiccitata.

Illi wara diversi talbiet verbali u inskritt mill-attrici, is-Superintendent intimat, nhar il-11 ta' Novembru 2004, awtorizza l-esportazzjoni ta' zewg *"hearses"* u zewg *"carriages"* lejn l-Awstralja tant illi dawn l-erba' bcejjec gew fil-fatt esportati. Gaetano Mifsud, tramite l-mandatarja tieghu, accetta dan bla hsara ghad-drittijiet kollha li huwa kellu biex jesporta l-bcejjec imsemmija fl-ittra tieghu tat-22 ta' Settembru 1992, partikolarment tliet bcejjec partikolari *("horse-drawn hearse" tal-prima u zewg "baby horse-drawn hearses")* li meta kkunsidrati flimkien mal-erba' bcejjec li gew esportati, jifformaw sett shih.

Illi wara li l-attrici ghamlet ghadd kbir ta' talbiet sabiex dawna t-tliet bcejjec ikunu jistghu jigu esportati mal-bqija tal-bcejjec skont l-awtorizzazzjoni suiccitata, id-diversi talbiet baqghu mhux imwiegba. Ghalhekk l-istess attrici baghtet ittra interpellatorja datata t-2 ta' April 2007 (Dok. "D") lis-Superintendent tal-Patrimonju Kulturali u ittra ufficjali datata d-19 ta'April 2007 (Dok. "E") lill-intimati

kollha sabiex dawna, jew min minnhom, jawtorizzaw l-esportazzjoni tat-tliet bcejjec suiccitati lejn l-Awstralja.

Illi minkejja dawna l-interpellanzi, l-intimati jew min minnhom baqghu ma taw l-ebda risposta.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-eghmil amministrattiv tas-Superintendenza tal-Patrimonju Kulturali jikkostitwixxi rifjut ta' applikazzjoni ghall-finijiet tal-**artiklu 469A (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. Konsegwentement tiddikjara li dana r-rifjut huwa *ultra vires stante* illi l-istess awtorita' naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv *de quo* jew fld-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dan l-ghemil *ai terimini* tal-**artiklu 469(A) (b) (ii)** u talli l-istess rifjut imur kontra l-approvazzjoni tal-allura dipartiment tal-Muzewijiet tat-23 ta' Settembru 1992.

3. Konsegwentement tawtorizza lill-attrici nomine illi tesporta "horse-drawn hearse" tal-prima u zewg "horse-drawn hearses" tat-tfal proprjeta' ta' Gaetano Mifsud lejn l-Awstralja fi zmien prefiss bl-ezenzjoni tad-dazju rispettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 sa 10 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-27 ta' Novembru 2007.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati datata 12 ta' Ottubru 2007 a fol 21 tal-process fejn eccepew: -

1. Preliminarjament l-intimati Ministru tat-Turizmu u Kultura u l-Avukat Generali m'humiex legittimi kuntradittturi

*stante* li huma ma dahlu fl-ebda ftehim mar-rikorrenti dwar il-materja in kwistjoni, ghal-liema allegazzjoni jista' jwiegeb adegwatament l-intimat l-iehor. Ghalhekk dawn l-intimati ghandhom jinhelsu mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-azzjoni hija perenta bit-terminu tas-sitt xhur *ai termini* tal-**artiklu 469A tal-Kap l2**.

3. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-mertu ta' dawn il-proceduri huwa *res judicata, stante* l-ftehim li sar bejn il-partijiet datat 11 ta' Novembru 2004, u dan *ai termini* tal-**artiklu 1729 tal-Kodici Civili**.

4. Illi fil-mertu, kwalunkwe diskussjoni jew ftehim li ghaddew bejn ir-rikorrenti *nomine* u l-intimat Superintendent (bhala successur tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Muzewijiet) dwar l-esportazzjoni ta' karrijiet tal-mejtin qabel l-2004, kien kristalizzat permezz ta' skrittura privata quddiem in-Nutar tal-Gvern iffirmata fil-11 ta' Novembru 2004 bejn l-istess partijiet. Ghal din l-iskrittura konvenjentement ma ssir l-ebda referenza fir-rikors promutur. Pero' r-rikorrenti tirreferi ghaliha fl-ittra datata 2 ta' April 2007, esebita bhala Dok "D" mar-rikors guramentat.

5. Illi dan il-ftehim tal-2004 irrikonoxxa d-donazzjoni mir-rikorrenti *nomine* lill-intimat Superintendent, ta' tliet karrijiet tal-funerali fis-snin tmenin, waqt li awtorizza l-esportazzjoni mir-rikorrenti *nomine* lejn l-Awstralja ta' zewg karrijiet u zewg *coaches* fl-2004, minghajr il-hlas tad-dazju relattiv.

6. Illi din l-iskrittura kienet iffirmata mir-rikorrenti *nomine* minghajr ma ghamlet l-ebda rizerva ghaliha, u kif jidher mill-istess skrittura, il-partijiet hemm qablu li m'ghandhom l-ebda pendenza ohra rizultanti mill-fatti kif hemm imnizzla. Barra minn hekk, l-obbligi msemmija fl-istess skrittura, twettqu kollha.

7. Illi ghalhekk, illum ir-rikorrenti *nomine* ma tistax tibqa' tirreferi ghal xi ftehim li sar mal-intimat

Superintendent jew mal-aventi causa tieghu qabel l-2004, peress li llum il-pozizzjoni hi kif maqbula fl-iskrittura tal-2004.

8. Illi jekk ir-rikorrenti *nomine* kellha xi talba ohra x'taghmel lill-intimat Superintendent wara l-2004, din kellha ssir b'talba gdida minghajr ma ssir referenza ghall-passat, peress li l-obbligi taz-zewg partijiet qabel l-2004 kienu esegwiti u dan skont l-imsemmi ftehim.

9. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti *nomine ai termini* tal-**artiklu 469A tal-Kap 12** ma jissussistux, anzi huma perenti, ladarba kien hemm il-qbil min-naha tar-rikorrenti *nomine*.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontriha.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimati a fol 23 tal-process.

Rat ir-rikors ta' Mary Mifsud noe datata 23 ta' Gunju 2008 a fol 47 tal-process lill-Qorti sabiex tahtar Assistent Gudizzjarju biex jisma' dawn ix-xhieda msemmija skont il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Gunju 2008 fejn il-Qorti rat ir-rikors tal-atturi tat-23 ta' Gunju 2008. Laqghet it-talba fis-sens li x-xhieda attrici mhix ha tinstema' illum. Il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Gabriella Buttigieg sabiex tirrelata dwar it-talbiet attrici wara li tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u dan kollox a spejjez provizzjorjament attrici b'dan li dderigiet lill-istess Perit Legali dwar kif kellhom jingabru l-provi kollox skond l-istess verbal. Inghata wkoll digriet tal-affidavit lill-konvenuti ta' erbghin gurnata (40).

Rata n-nota ta' sottomissjonijiet ta' Mary Mifsud datata 10 ta' Novembru 2010 a fol 152 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati datata 11 ta' Frar 2011 a fol 169 tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Gabriella Buttigiegipprezentat fir-registru fit-12 ta' Ottubru 2011 u mahluf fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2011 a fol 181 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta nkluz dak tat-22 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-Perit Legali Dr. Gabrielle Zammit li halfet ir-rapport, Dr. Fiorella Fenech Vella ghall-intimati, u Dr. Owen Bonnici ghall-attur. Dr. Bonnici talab li jaghmel nota ta' kritika. Il-Qorti laqghet it-talba u tat erbghin (40) gurnata minn dan il-verbal ghall-istess nota ta' kritika, bil-visto/notifika tad-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Mejju 2012.

Rat ir-rikors ta' Mary Mifsud datata 6 ta' Frar 2012 a fol 266 fejn talbet li tithalla tipprezenta nota hemm annessa; u l-Qorti laqghet it-talba bid-digriet moghti fid-9 ta' Frar 2012.

Rat in-nota ta' kritika ta' Mary Mifsud datata 6 ta' Frar 2012 a fol 267 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghal stharrig gudizzjarju ta' allegata decizjoni amministrattiva. L-allegata decizjoni

huwa fil-verita` allegat rifjut mis-Supretendent tal-Patrimonju Kulturali li jawtorizza lill-attrici Mary Mifsud, bhala mandatarja specjali ta' Gaetano Mifsud li huwa assenti minn dawn il-gzejjer, tesporta minn Malta numru ta' karrijiet tal-funerali antiki lejn l-Awstralja.

Illi irrizulta li permezz ta' ittra datata 22 ta' Settembru 1992 (Dok. "B"), Gaetano Mifsud kien talab il-permess tad-Dipartiment tal-Muzewijiet (predecessur tas-Superintendent tal-Patrimonju Kulturali) sabiex jesporta lejn l-Awstralja sitt (6) *"gold hearses"*; zewg (2) *"white baby hearses"* u tliet (3) "coaches", kollha proprjeta' ta' Gaetano Mifsud. Skont l-atturi minn din l-ittra jirrizulta li kien hemm xi arrangament verbali ghal dan il-ghan mad-direttur precedessur tal-istess Dipartiment, ir-Reverendu Dr. Marius Zerafa, fejn Gaetano Mifsud kien anke offra coach iehor ta' valur antik lid-Dipartiment bhala att ta' gratitudni u apprezzament lejn l-istess Dipartiment.

Illi precedentement, skont l-attrici Gaetano Mifsud kien diga' talab lid-Dipartiment tal-Muzewijiet sabiex minflok il-hlas ta' dazju ghall-esportazzjoni tal-bcejjec antiki tal-funerali, huwa jaghti lill-Gvern, bhala *datio in solutum,* tliet (3) *hearses* antiki ekwivalenti ghad-dazju dovut, tant li dawn it-tliet (3) bcejjec kienu diga' nghataw lid-Dipartiment f'Settembru tal-1985.

Illi, skont l-attrici, t-talba ta' Gaetano Mifsud kienet giet approvata fit-23 ta' Settembru 1992, skont l-iskritti li jinsabu fuq l-istess ittra datata 22 ta' Settembru 1992 (Dok. "B" – fol 6).

Illi wara diversi allegati talbiet verbali u inskritti kemm mill-attrici u kif ukoll minn familjari ohra tal-istess Gaetano Mifsud, is-Supretendent tal-Patrimonju Kulturali, fl-11 ta' Novembru 2004, dahal fi ftehim mall-attrici (a fol. 27 u fol. 28 tal-process) pero' dan b'mod limitat ghall-esportazzjoni ta' zewg (2) hearses u zewg (2) carriages lejn l-Awstralja.

Illi l-attrici qed tinsisti li dan il-ftehim gie accettat minghajr hsara ghad-drittijiet ta' Gaetano Mifsud li jesporta l-bqija tal-bcejjec elenkati fl-ittra datata 22 ta' Settembru 1992

(Dok. “B”). L-attrici tispjega li minkejja li l-allegat arrangament originali kien ghal hdax (11)-il bicca, jigifieri s-sebgha (7) originali u erbgha (4) ohra, Gaetano Mifsud ma kienx xtara l-ahhar erbgha (4) bicciet u hija ghalhekk li t-talba tal-attrici hija ridotta ghal tliet (3) bicciet biss.

Illi hekk skont l-attrici, minkejja diversi talbiet, inkluz ammont ta' applikazzjonijiet godda minn naha taghha sabiex tithalla tesporta dawn it-tliet (3) bcejjec, dawn baqghu mhux imwiegba. L-attrici kienet ghalhekk baghtet ittra interpellatorja datata 2 ta' April 2007 (Dok. “D”) lis-Supretendent tal-Patrimonju Kulturali, u ittra ufficjali datata 19 ta' April 2007 (Dok. “E”) lill-konvenuti kollha sabiex huma, jew min minnhom, jawtorizzaw l-esportazzjoni tat-tliet (3) bcejjec imsemmija lejn l-Awstraija. Illi minkejja dawn l-interpellanzi, il-konvenuti baqghu ma taw l-ebda risposta.

Illi, skont il-konvenuti, l-intimati Ministru tat-Turizmu u Kultura u l-Avukat Generali m'humiex legittimi kuntradittur. F’dan il-kuntest u qabel xejn din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **“Joseph Bartolo vs Onorevoli Prim Ministru et”** (Q.K. - 27 ta' Frar, 2009), fejn l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali sostniet li:-

*“ir-rapprezentanza tal-Gvern waqt proceduri gudizzjarji hija trattata b’mod ben specifiku fl-Artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi illi: il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat filmaterja in kwistjoni … L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f’dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern. Minn din id-disposizzjoni huwa ferm evidenti li l-Prim Ministru ma huwiex indikat bhala li ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern fil-kuntest ta’ proceduri gudizzjarji istitwiti fil-konfront tal-Gvern".*

Illi izda fuq kollox din is-sentenza tkompli tispjega li r-raguni wara tali disposizzjoni tal-ligi hija s-segwenti:-

*"Ir-rilevanza ta' din id-disposizzjoni ma tistax u ma ghandhiex tigi sottovalutata, u dan billi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **'Kenneth Brincat v. Avukat Generali et'**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Jannar 2003, fejn a sua volta giet iccitata s-sentenza **'Raymond Gauci v. Il-Pulizija et'**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta' Gunju 2002, "ma hemm ebda dubju li l-iskop ta' l-emenda li saret f'dan l-artikolu imsemmi permezz ta' l-Att XXIV ta' l-1995 kienet intiza sabiex wiehed jiffacilita r-rikors lejn il-Qrati f'kull kawza inkluzi f'kazi ta' allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, u dan anke sabiex jigu evitati tragitti interminabbli dwar il-kwistjonijiet ta' min huwa legittimu kontradittur f'kawza kostituzzjonali, li sfortunatament il-Qorti kienet inondata bihom qabel l-imsemmija emenda, li hafna drabi u wisq izjed minn desiderabbli, wasslu biex azzjoni kostituzzjonali giet terminata fuq punti ta' procedura, minghajr ma l-Qorti ezaminat il-bazi tal-problema kostituzzjonali mqajma…"*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li anke f'din il-kawza odjerna, li mhix kawza kostituzzjonali izda wahda ta' starrig amministrattiv ghandhom jigu applikati dawn il-principji u li huwa proprju taht dan l-animu li l-eccezzjoni odjerna ghandha u trid tigi kkunsidrata.

Illi f'ewwel lok huwa car l-fatt li l-kontroll ta' l-esportazzjoni jaqa' taht tas-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali. Fl-**artikolu 41 (1) tal-Kapitolu 445**, jinghad li *"Hadd ma jista' jesporta few jerga' jesporta proprjeta' kulturali minghajr il-permess bil-miktub tas-Sovrintendent".* L-**artikolu 41 (1) sa (5)** jipprovdi li l-permess ghall-esportazzjoni jinhareg biss mis-Sovrintendent u huwa l-istess Sovrintendent li jrid jaghti l-kunsens tieghu biex issir donazzjoni ta' oggetti minflok il-hlas tad-dazju.

Illi apparti minn hekk, l-**artikolu 7 (2) u (3) tal-Kapitolu 445** li jittratta l-personalita' guridika tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u r-rapprezentanza legali ta' l-istess, huwa car fih innifsu u meta jipprovdi li

*"(2) Is-Sovrintendenza tkun korp maghqud li jkollu personalita' guridika distinta a li tkun izzomm u tiddisponi minn kull xorta ta' propjeta' ghall-finijiet tal-funzjonijiet taghha, jew li tharrek jew li tigi mharrka, u li taghmel dawk l-affarijiet kollha u li esercizzju jew it-twettiq tat-funzjonijiet taghha taht dan l-Att."* u

*"(3) Ir-rapprezentanza legali u gudizzjarja tas-Sovrintendenza tvesti fis-Sovrintendent jew iktar tas-Sovrintendenza, biex jidher f'isimha u ghaliha fkull procediment gudizzjarju u fuq kull att, kuntratt, istrument jew dokument iehor ta' liema xorta jkun."*

Illi ghalkemm is-Sovrintendent huwa legittimu kontradittur dan ma jfissirx li l-Ministru ma ghandux jitharrek ukoll. Jekk wiehed jaqra l-ligi, cioe` l-**Kap 445** jinnota li l-Ministru huwa responsabbli, ghal per ezempju l-hatra ta' esperti sabiex *"...espert wiehed jew iktar mahtura bi qbil bejn il-Ministru u l-esportatur..."* sabiex jigi *inter alia* stabbilit *"*Il-valur ta' l-oggetti ghall-finijiet tal-hlas tad-dazju msemmi fis-subartikolu (2)...*"* **(artikolu 41 (4)).**

Illi minkejja li jista' jinghad li l-allegat arrangjament originali jista' jigi meqjus li gie mehud taht l-**artikolu 41(5)** ghaliex dan jipprovdi li *"Minflok il-hlas ta' dazju, l-esportatur jista, bil-kunsens tas-Sovrintendent, jaghti lill-Gvem bhala datio in solutum, xi oggett wiehed jew aktar ta' valur ekwivalenti ghad-dazju dovut",* dan ma ffissirx li kieku minflok gie rifjutat l-applikazzjoni tal-attrici, is-Sovrintentent ma setax jipproponi li ssir valutazzjoni skont l-**artikolu 41 (4).**

Illi fil-fatt mill-affidavit s-Sovrintendent fl-affidavit tieghu jghid li kienet saret re-application gdida f'isem Gaetano Mifsud fis-sena 2004 u li s-Sovrintendenza qabdet esperti biex jivvalutaw l-importanza tal-karrijiet li s-sinjura Mifsud xtaqet tohrog minn Malta. Skont s-Sovrintendenza din l-evalwazzjoni saret ghall-finijiet tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali.

Illi mill-Att dwar il-Patrimonju Kulturali ma jidhirx li s-Sovrintendent ghandu dik l-indipendenza li tiddistakkah kompletament mill-Ministru u l-mansjonijiet taghhom

ghalkemm certament distinti, f'xi waqtiet huma kumplimentari u ghalhekk hemm il-bzonn li jigi mharrka sia l-Ministru de quo u s-Sovrintentent.

Illi ma hemm l-ebda dubju li mill-provi prodotti il-ftehim tas-sena 2004 kien ezawrixxa l-kontiza bejn il-partijiet u l-intimat li kienet pendenti sa' dak iz-zmien, izda jidher li l-attrici fil-kwalita' taghha premessa qed titlob li tlett bcejjec ohra mhux inkluzi f'dak il-ftehim jigu similment esportati u allura in kwantu t-talbiet attrici huma fuq dawn l-istess bcejjec l-Onervoli Ministru intimat huwa l-legittimu kontradittur ghaliex sabiex tintlaqa' jew tigi michuda t-talba attrici xorta hemm bzonn jew jista' jkun bzonn l-intervent tieghu. Ghalhekk, il-Ministru tat-Turizmu u Kultura huwa ukoll legittimu kuntradittur tal-azzjoni attrici.

Illi la darba id-Dipartiment koncernat u l-Gvern huwa rappresentat f'din il-kawza kif hawn fuq spjegat mela allura il-presenza tal-Avukat Generali f'din il-kawza ma hemmx bzonn taghha u ghalhekk l-eccezzjoni li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur qed tigi milqugha u l-istess qed jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi dwar il-kwistjoni ta' x'inhu eghmil amministrattiv u terminu ta' sitt xhur li kawza ghall stharrig amministrattiv tista' tingieb jinghad li skond l-**artikolu 469A (2) tal-Kapitolu 12,** jimghad li *"eghmil amministrattiv" tfisser il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita':*

*Izda, hlief f'dawk il-kazijiet fejn tistabilixxi perjodu li fih awtorita' pubblika tehtieg decizjoni, meta ssir talba bit-miktub minn persuna li tigi notifikata lill-awtorita' u din l-awtorita' tibqa' ma taghtix decizjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas ghandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut ghall-finijiet ta' din it-tifsira;"*

Illi fil-kuntest ta' dan is-subartikolu, u jinghad li l-attrici kienet ghamlet talba bil-miktub fit-2 ta' April 2007 lill-

konvenut Supretendent tal-Patrimonju Kultulari (Dok. “D”), sabiex tithalla tesporta tliet (3) bcejjec antiki, propjeta' ta' Gaetano Mifsud, lejn l-Awstralja. L-attrici dejjem fil-kwalita’ taghha premessa bhala mandatarja ta’ Gaetano Mifsud kienet baghtet ukoll ittra ufficjali datata 19 ta’ April 2007 (Dok. “E”). Hekk kif jirrizulta mill-provi, minkejja dawn l-interpellanzi, il-konvenuti kienu baqghu ma taw l-ebda risposta.

Illi ghalhekk, il-fatt li l-konvenuti baqghu ma taw l-ebda risposta mela *"...dak in-nuqqas ghandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut ghall-finijiet ta' din it-tifsira;"* u ghalhekk, l-attrici setghet tkun innotifikata "bir-rifjut" tat-talba taghha xahrejn wara li baghtet l-ittra ufficjali datata 19 ta' April 2007.

Illi hawn issir riferenza ghall dak li inghad fir-rapport tal-Perit Legali li osservat li f’dan il-kaz wiehed irid ukoll jiehu in konsiderazzjoni l-applikazzjoni gdida li l-attrici kienet ghamlet f’isem Gaetanu Mifsud "*for the export of one prima horse-drawn hearse plus two baby horse-drwan hearses to Australia"* (Dok. “AP 1” – fol. 72 u Dok. “SCH 12 – fol. 89), liema applikazzjoni kienet datata 13 ta' Awissu 2004. Jista' jinghad illi r-rifjut jigi hekk ikkunsidrat li sehh xahrejn wara din id-data peress illi s-Sovrintendenza kienet baqghet ma tat l-ebda twegiba u ghalhekk ma kienet tat l-ebda decizjoni dwar dik it-talba, u dana fl-ambitu ta' l-**artikolu 469A (2) tal-Kapitolu 12.** Izda, wiehed irid iqis ukoll ir-realta' tas-sitwazzjoni, fejn jirrizulta li kien hemm trattattivi verbali bejn l-attrici u l-konvenuti li kienu kienu baqghu ghaddejjin fir-rigward ta' l-imsemmija applikazzjoni. Dan huwa evidenti kemm mill-provi attrici, fejn fl-affidavit ta' Mary Mifsud datat 7 ta' Dicembru 2007 (a fol. 32 sa 34 tal-process), hija tghid li regghet ghamlet applikazzjoni ghat-tliet bicciet de quo, u s-Sovrintendenza kienu cemplulha u qalulha li t-talba taghha tat-13 ta' Awissu 2004 kienet valida u kienet se tigi studjata. Dawn il-kuntatti komplew izda rifjut jew approvazzjoni ta' l-applikazzjoni taghha tat-13 ta' Awissu, 2004 baqghet ma waslitx. Gara li fil-11 ta' Novembru, 2004 l-attrici u l-Sovrintendent iffirmaw ftehim sabiex l-erba' bicciet li ma kienx hemm problemi dwarhom ikunu jistghu jintbaghtu l-

AwstraIja. L-attrici tallega li dawk it-tliet bicciet l-ohra keIlhom jigu esportati  u skond hija *“Mr Pace qalli car u tond Ii fil-mument Ii jsibu dokumentazzjoni konkreta huma ma kinux se joqoghdu jcahhduna minnhom.”* (Anthony Pace huwa s-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturi)

Illi fl-affidavit taghha l-attrici tkompli titkellem dwar dawn it-trattattivi. Hija tghid li kienu qalulha li kienet se tidher quddiem kumitat maghmul minn tliet persuni sabiex jiddiskutu l-kaz tal-attrici. Hija baqghet issegwi l-agir tal-kumitat; kienet tkellmet ma’ Nathaniel Cutajar id-Deputy Superintendent. Huwa kien qallilha li l-kumitat kien ghadu ma hax decizjoni minkejja li xi membri kienu gja iddeciedew. Hija talbet risposta bil-miktub minghand is-Sur Cutajar izda dan ma tax risposta. Din is-sitwazzjoni baqghet ghaddejja sat-2 t'April, 2007 meta l-attrici baghtet ittra bonarja lis-Superintendent tal-Patrimonju Kulturali biex ihalluna jtellghu t-tliet bicciet pero' baqghet minghajr risposta. L-attrici baghtet ukoll ittra ufficjali li baqghet ma gietx mwiegba.

Illi mill-provi tal-konvenuti, in partikolari, fl-affidavit tas-Supretendent tal-Patrimonju Kulturali, jirrizulta li effettivament ma huwiex kontestat li kienet saret *re-application* gdida f'isem Gaetano Mifsud u s-Sovrintendenza qabdet esperti biex jivvalutaw l-importanza tal-karrijiet li s-sinjura Mifsud xtaqet tohrog minn Malta. Din l-evalwazzjoni saret ghall-finijiet tal-**Att dwar il-Patrimonju Kulturali.** Ir-risposta ta' l-esperti kienet li dawn il-karrijiet kienu ta' valur kulturali kbir u ma setghux jithallew jitilqu minn Malta (Anness SCH13) u dan id-dokument jirrizulta li huwa ndirizzat lill-Nathaniel Cutajar u mibghut minn Alexander Debono mill-Heritage Superintendence (fol. 93).

Illi hija l-fehma ta’ din il-Qorti mill-lenti tal-attrici hija ghamlet kollox skont il-ligi: l-applikazzjoni saret fit-13 ta' Awissu 2004; il-partijiet dahlu fi trattativi; it-trattativi ma taw l-ezitu (minkejja l-fatt li ad insaputa tal-attrici kien hemm rakkomandazzjoni ta’ esperti kontra l-esportazzjoni tal-bcejjec li ittiehdet fil-15 ta' Gunju 2006, u cioe' circa sentejn wara Ii saret din ir-ri-applikazzjoni); fit-2 ta’ April

2007 baghtet ittra interpellatorja; ghadew xahrejn minghajr risposta u dan allura (skont l-artikolu 469A, huwa rifjut; il-kawza kellha, ghalhekk, tinfetah sat-2 ta' Dicembru 2007; u infethet fit-terminu rikjest mill-ligi ghaliex infethet precizament fit-13 ta' Awissu 2007, u ghalhekk erbgha xhur qabel ma ghadda t-terminu rikjest mill-ligi tas-sitt xhur u ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi michuda ghaliex l-azzjoni tar-rikorrenti giet istitwita fiz-zmien preskritt u ghaldaqstant l-azzjoni tar-rikorrenti saret entro s-sitt xhur stipulat mill-**artikolu 469A (3) tal-Kapitolu 12.**

Illi l-konvenuti qajmu eccezzjoni iehor a bazi tal-fatt li fil-fehma taghom l-mertu ta' dawn il-proceduri huwa *res judicata,* stante l-ftehim li sar bejn il-partijiet datat 11 ta' Novembru 2004 (a fol. 27 u fol. 28), u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 1729 tal-Kapitolu 16**, li jipprovdi li:-

*"It-transazzjoni ghandha, bejn il-partijiet, is-setgha ta' sentenza li ghaddiet f'gudikat."*

Illi l-ftehim li fil-fatt sar bejn il-partijiet, fil-11 ta' Novembru 2004 huwa wiehed fejn l-attrici ghan-nom ta’ Gaetano Mifsud, inghata l-permess sabiex tithalla tesporta zewg *hearses* u zewg *carriages* lejn l- Awstralja, u dana wara li l-istess Gaetano Mifsud kien ghamel donazzjoni ta' tliet *hearses* lill-Muzew tal-Foklor gewwa Vittoriosa sabiex jinghata l-imsemnni permess ghall-esportazzjoni, liema donazzjoni ezentatu mill-hlas ta' dazju fuq l-imsemnnija bcejjec antiki.

Illi f’dan il-ftehim ma jirrizulta mkien li l-partijiet qablu li m'ghandhom l-ebda pendenza ohra. Dwar il-materja mertu tal-ftehim dan hu kjarament deciz mill-istess ftehim. Din kien transazzjoni li ghalqet b’mod definittiv il-materja hekk maqbula bejn il-partijiet u ghalhekk din ma tistax terga' tinfetah permezz ta' proceduri gudizzjarji u allura hija transazzjoni in kwantu ghalqet il-pendenzi kollha li sehhu kemm qabel u sa dak in-nhar. Dan huwa inkormita’ ma’ dak deciz fis-sentenza **“Reverendu George Schembri vs Igor Moscalenko”** (P.A. (PS) – 9 ta’ Gunju

2004) u **“Macpherson Mediterranean Limited vs J. Lautier Co. Ltd”** (P.A. (RCP) – 1 ta’ Ottubru 2002)

Illi pero wiehed irid jaghmel distinzjoni bejn l-iskrittura privata li giet iffirmata mill-partijiet fil-11 ta' Novembru 2004 li kienet tirrigwardja *"two (2) hearses and two (2) coaches to Australia"* u l-applikazzjoni li kienet saret mill-attrici fit-13 ta' Awissu 2004 u li msemmija fl-affidavit ta’ Anthony Pace, Supretendent tal-Patrimonjonu Kulturali (Dok. “AP1”) li kienet tirrigwardja "*one prima horse-drawn hearse plus two baby horse-drawn hearse".* L-applikazzjoni ta' l-attrici f’Awissu ta' l-2004 u l-iffirmar ta' l-iskrittura privata f’Novembru ta' l-2004, huma talbiet separati u distinti, tant li fl-imsemmi applikazzjoni (Dok. “AP 1”), id-donazzjoni ta' *"200 year old horse-drawn carriage"* kienet wahda apparti mid-donazzjoni originali li kien hemm da parti ta' Gateano Mifsud ta' *"3 antique hearses"*.

Illi dan huwa ippurvat ukoll minn dokument ipprezentat flimkien ma' l-affidavit tas-Supretendent tal-Patrimonju Kulturali stess (Dok. “SCH13”) fejn jinghad:-

*“The application also included the donation of an early twentieth century coach to compliment an earlier donation (datio in solutum) of hearses affected by Messrs Mifsud in the early 1980's in connection with an export permit cleared in 2004.”*

Illi l-ftehim li sar bejn il-partijiet permezz ta' skrittura privata ffirmata fil-11 ta' Novembru 2004, hija transazzjoni in kwantu jirrigwarda dawk l-erbgha karrijiet imsemmija fl-istess skrittura biss u ma ghandux effett ta' *res judicata* fuq it-talba ta' l-attrici kif proposta sabiex tithalla tesporta tliet karrijiet differenti, flimkien ma' donazzjoni ta' karru iehor antik, ghal liema, hija kienet regghat applikat fit-13 ta' Awissu 2004.

Illi f’dan il-kuntest jinghad li s-Superintendent tal-Patrimonju Kulturali jghid li l-iskrittura privata tal-2004 tikkostititwixxi *res judicata* u li t-talba tal-attrici kienet invalida stante li hija res judicata, izda mbaghad jghid li t-

talba attrici kienet invalida ghaliex hija qatt ma pprezentat lis-Sovrintendenza dokumenti tad-Dwana li juru li hi kellha fi hsiebha tesporta xi karrijiet ohra u ghalhekk qatt ma seta’ jiddeciedi; izda pero’ l-istess Superintendent jghid l-attrici kellha hjiel li d-decizjoni kienet negattiva. Il-Qorti tosserva li s-Sovrintendent kellu rapport imhejji minn esperti, huwa car li kien jaqbel mal-konkluzzjonijiet izda qatt ma ha decizjoni definitive u wisq inqas informa b’dan lill-attrici, haga li forsi ahjar li ghamel u kien jevita din il-pendenza.

Illi dwar il-mertu l-attrici talbet, *inter alia*, li jigi ddikjarat illi r-rifjut tal-awtorita` huwa wiehed *ultra vires* stante illi l-istess awtorita' naqset milli tosserva *“l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv de quo jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dan l-eghmil ai termini ta' L-Artikolu 469A (1) (b) (ii) u talli l-istess rifjut imur kontra l-approvazzjoni tal-allura dipartiment tal-Muzewijiet tat-23 ta' Settembru, 1992”*

Issa, fl-ewwel lok dwar il-principji ta’ stharrig amministrattiv *(judicial review)* u l-principji ta’ gustizzja naturali huwa pacifiku illi l-ligi amministrattiva Maltija hija bbazata fuq dik Ingliza **(“Cassar Desain vs Forbes noe”** A.C. - 7 ta’ Jannar 1935 u **“Lowell et vs Caruana et”** P.A. - 14 ta’ Awwissu 1972). Kemm il-principju tal-*judicial review* kif ukoll il-principji tal-gustizzja naturali kienu ilhom jigu applikati ferm qabel ma l-Parlament Malti introduca ligijiet *ad hoc.*

Illi l-Qrati Maltin minn dejjem affermaw illi fejn kellna tirrizulta lacuna fid-dritt pubbliku (u d-dritt Amministrattiv huwa fergha tad-dritt Pubbliku) japplikaw il-principji tal-Ligi Ingliza. Illi fil-ktieb **Garner’s Administrative Law, B.L Jones** jghid illi:-

*“in circumstances where the gravity of the complaint cannot be brought within the terms of one of the ordinary causes of action, the citizen may nevertheless have a remedy in the courts in the following situation: (a) where a statute expressly confers a right of appeal to a named*

*court; or (b) where he can invoke the inherent supervisory jurisdiction of the High Court to review the conduct of persons or bodies purporting to exercise statutory funcition, to ensure that ensure that they remain within the confines of their statutory powers (intra vires) and do not stray beyond the limits of that authority (ultra vires), and also to ensure that duties owed to the public are duly performed".* **(Jones, B.L., Garner's Administrative Law, Page 107/108).**

Illi kif inghad fis-sentenza **"Andrew Francis Joseph Grant noe vs Chev Erik Golicher noe"** (A.C. – 26 ta' Gunju 1953) *"The rules of Natural Justice denote certain principles which must be followed by all who discharge judicial functions. These are that a man must not be a judge in his own cause and that both parties must be heard".'* Inghad ukoll li *"When no statutory right of appeal is given from these special or administrative tribunals, their decisions are liable to review by the Courts of Law, only on purely technical grounds, such as lack of jurisdiction or want of natural justice".*

Illi ghalkemm il-principju tal-gustizzja naturali *nemo iudex in causa propria* kien originarjament japplika ghall-Qrati Civili, konsegwentement ghat-tkabbir tas-setghat amministrattivi, dan gie estiz ukoll ghall-isfera amministrattiva:-

*"To encompass not only the action of administrative bodies acting 'judicially' but also ... the actions of administrative bodies taking certain types of decisions of an 'administrative nature'. It is enough to show that this decision was followed by an order: And [the court] will not inquire what the particular question was... the court was improperly constituted... that rendered the decision invalid."* **(Garner's Administrative Law**, p.170)

Illi fil-ktieb **Evans De Smith** fil-**Judicial Review of Administrative Action** (4th Edition – pag.196) l-awtur jghid:-

*"Natural justice generally requires that the persons liable to be directly affected by the proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they might be in a position: (a) to make representations on their own behalf; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held) ; and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet … In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved and failure to give him proper notice was tantamount to denial of an opportunity to be heard on that matter".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li din il-Qorti ghandha l-kompetenza originali li taghmel l-ezercizzju ta' stharrig amminstrattiv u dan jimporta kamp ferm iktar ampju minn biss ksur ta' disposizzjoni ut sic tal-Ligi kif gie ritenut fis-sentenza **"Manwel Vella vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvulupp"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Ottubru 2002) u kkonsidrat fl-istess fid-dawl tal-kaz odjern jinghad li ma rrizultax car mill-provi jekk fil-fatt is-Sovrintendenza approvat fis-sena 1992, l-bcejjec kollha ghall-esportazzjoni inkluzi dawk tar-reapplication tal-attrici fis-sena 2004 (ara r-rapport tal-Perit Legali a fol 59 sa 68 ta' l-istess rapport). Il-Perit Legali tghid f'dan ir-rigward li *"L-ittra datata 22 ta' Settembru 1992, turi biss il-possibilta' li kien hemm xi trattattivi verbali bejn il-partijiet fis-snin ta' qabel, pero' din l-ittra zgur li ma tistax titqies bhala prova li fil-fatt kien inghata l-permess ghat-talbiet dedotti fl-imsemmija ittra".*

Illi pero' l-Qorti tinnota li t-tieni talba attrici hija fil-maqsuma fi tnejn ghaliex tghid l-Qorti ghandha *"tiddikjara li dana r-rifjut huwa ultra vires stante illi l-istess awtorita' naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv de quo jew fld-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dan l-ghemil ai terimini tal-**artiklu 469 A (b) (ii) tal-Kap. 16** u talli l-istess rifjut imur kontra l-approvazzjoni tal-allura dipartiment tal-Muzewijiet tat-23 ta' Settembru 1992."*

Illi ghalhekk l-affermazzjoni tal-Perit Legali li l-atturi qed jaghmlu t-tieni talba taghhom a bazi ta' din l-ittra, hija biss korretta in parte. Il-Qorti fil-fatt qed tigi mitluba tistharreg ir-rifjut tal-konvenuti in primis, u imbaghad tistharrigha fil-kuntest tal-allegat approvazzjoni tal-allura dipartiment tal-Muzewijiet tat-23 ta' Settembru 1992. Dwar din l-allegata approvazzjoni l-Qorti se taqbel mal-Perit Legali fejn tghid li l-ittra ma tipprovax li kien inhareg xi tip ta' permess fuq l-imsemmija karrijiet. Din l-ittra hija prova biss, li l-atturi kienu ilhom jipprovaw igibu dan il-permess u li kienu talbu hekk fuq iktar minn okkazzjoni wiehed tul is-snin, partikolarment permezz ta' trattattivi verbali mal-konvenuti. In vista ta' dan it-tieni parti tat-talba tal-attrici ma treggix ghaliex mill-origini tagha ma hemmx certezza li kien hemm fil-fatt approvazzjoni. Ghalhekk ghalkemm wara hafna snin kien sar ftehim dan il-ftehim ma kienx jkopri dak kull inizjalment intiz ghall-esportazzjoni.

Illi pero l-Qorti tosserva li, kif inghad, fil-fatt wara diversi snin l-konvenuti fis-sena 2004 dahlu fi ftehim mal-attrici ghall-esportazzjoni ta' zewg (2) karrijiet u zewg (2) karozzelli. Dan il-ftehim ghalaq il-pendenza ezistenti sa dak in-nhar u allura dak li kien hemm sa dak iz-zmien kien transat b'mod li dak li sar qabel kien ghal kollox maghluq.

Illi wara kien hemm riapplikazzjoni u eventwali rifjut. Huwa dan ir-rifjut li din l-Qorti trid tistharreg u dan indipendentement mill-ittra tas-sena 1992. L-applikazzjoni li l-attrici ghamlet fl-2004 kienet tikkonsisti f'talba ghal tliet (3) karrijiet differenti, u cioe' karrijiet li ma kellhomx x'jaqsmu ma' dawk imsemmija fl-iskrittura privata.

Illi f'dan il-kuntest u in linja mal-principji konfermati mill-gurisprudenza hawn fuq din il-Qorti tista' tisharreg decizjoni li mill-amministrazzjoni li ghandha effett fuq terz persuni. Is-Sovrintendenza minn meta accetta l-applikazzjoni tal-attrici kellha taggixxi fil-parametri tar-regoli tal-gustizzja naturali. Is-Sovrintendenza tghid li hatret esperti *ai termini* tal-**Att dwar il-Patrimonju Kulturali.** Huwa car li wiehed mill-principji bazici tal-Att imsemmi huwa l-konservazzjoni u protezzjoni tal-

patrimonju kulturali izda ghalkemm mhux car taht liema provvediment inhatru l-esperti minkejja li l-konvenut jghid li kien ai termini tal-**Kap 445**. Il-hatra ta' esperti huwa imsemmi fl-**artikolu 41 (4) l-Att** fejn huwa involut anki l-Ministru intimat pero' fil-fatt ma huwiex car jekk dan il-kumitat ta' esperti inhatarx taht dan l-artikolu.

Illi l-Qorti tosserva li huwa minnu li r-rakkomandazzjoni tal-esperti kienet biss rakkomandazzjoni izda l-provi juru li s-Sovrintendent effettivament kien ser issegwi dik ir-rakkomandazzjoni u r-rifjut li jaghti decizjoni anki wara gie interpellat jaghti decizjoni, hija in effett cahda tal-applikazzjoni a bazi ta' l-istess rakkomandazzjoni u l-fatt li l-istess applikazzjoni qatt ma giet akkordata hija effettivament u timporta rifjut minn naha tal-konvenut is-Supredendent tal-Patrimonju Kulturali, u dan anke in vista' ta' dak ritenut fil-kuntest tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u b'hekk l-ewwel talba attrici qed tigi milqugha biss f'dan is-sens.

Illi fuq kollox jidher li l-azzjoni attrici hija primarjament bbbazata fuq l-allegazzjoni li minkejja l-ftehim tal-11 ta' Novembru 2004, kien hemm ftehim fit-22 ta' Settembru 2002 (Dok. "B") izda din il-Qorti thoss li dan ma kienx il-kaz, kemm ghaliex prova ta' tali ftehim ma saritx, kif ukoll ghaliex kull pendenza li kien hemm qabel giet transatta bl-iskrittura tal-11 ta' Novembru 2004.

Illi in kwantu l-azzjoni attrici qed tigi bbazata fuq applikazzjoni gdida li saret f'Awissu 2004 jirrizulta li din giet trattata skond il-ligi, u ma hemm xejn mill-provi li jindika li l-istess Supredendent tal-Patrimonju Kulturali jew il-konvenuti l-ohra b'xi mod agixxew b'mod abbuziv jew li b'xi mod abbuzaw mill-poteri taghhom jew li b'xi mod agixxew *in mala fede,* u dan iktar u iktar meta jidher li minkejja kollox l-istess attrici xorta wahda bbazat l-azzjoni taghha fuq l-allegazzjoni li kien hemm xorta wahda ftehim milhuq u veljanti datat 22 ta' Settembru 2002, allegazzjoni li din il-Qorti ma hijiex qed taccetta. B'hekk it-tieni talba qed tigi michuda ghaliex dak allegat mill-attrici f'dan il-kuntest bl-ebda mod ma gie ppruvat.

Illi dwar it-tielet talba certament li din it-talba ma tistax tinlaqa' minn din il-Qorti ghaliex hija ma tistax tbiddel id-deskrizzjhoni taghha fuq apprezzament tal-fatti ghall dawk moghtija mil-legislatur lil xi korp iehor (**"John Bonnici et vs L-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta"** P.A. (LFS) – 2 ta' Dicembru 2009) u b'hekk it-tielet talba attrici qed tigi michuda.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti biss fis-sens li tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju, u tichad it-tieni, t-tielet sas-seba' eccezzjoni tal-istess konvenuti biss in kwantu dawn huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, izda tilqa' t-tmien u d-disa' eccezzjoni tal-istess konvenuti in kwantu konformi ma' dak ritenut f'din id-decizjoni, u fil-waqt li **tichad it-tieni u t-tielet talba attrici** ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, **tilqa' biss l-ewwel talba** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara illi l-ghemil amministrattiv tas-Superintendenza tal-Patrimonju Kulturali jikkostitwixxi rifjut ta' applikazzjoni ghall-finijiet tal-**artiklu 469A (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez *stante* n-natura tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------